# AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA

**13 ta' Ġunju 2023**

## Il-Bilanċ tal-Pagamenti u l-Qagħda tal-Investiment Internazzjonali

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) se jkun qiegħed jagħmel reviżjoni ad hoc fl-istatistika tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BOP) u tal-Qagħda tal-Investiment Internazzjonali (IIP). Din ir-reviżjoni ħierġa lokalment nhar it-28 ta' Ġunju 2023 mal-Istqarrija tal-Aħbarijiet bl-isem ta' 'International Economic and Financial Transactions' li tinkludi tagħrif għall-ewwel kwart tal-2023. Wara dan, se tkun qed tiġi implimentata r-reviżjoni fl-istatistika tal-IIP u li d-data tagħha se tkun imħabbra aktar tard dan ix-xahar.

Ir-reviżjonijiet ad hoc fl-istatistika tal-BOP u l-IIP qegħdin isiru l-aktar minħabba d-dħul ta' sorsi ġodda ta' data li jbiddlu l-istimi li kien hemm qabel b'ċifri aktar b'saħħithom. Barra minn hekk, titjib fil-metodoloġija qiegħed jiffaċilita aktar it-tqabbil tal-istatistika internazzjonali f'dawn l-oqsma. L-aktar żviluppi importanti li jsostnu din ir-reviżjoni ad hoc huma:

- aktar użu tad-data amministrattiva fl-ikkompilar tal-istatistika li għandha x'taqsam mal-korporazzjonijiet li huma rilevanti għal-iskop tal- Bilanċ tal-Pagamenti u l-Qagħda tal-Investiment Internazzjonali. Id-disponibbiltà ta' għejun ġodda ta' data ffaċilitat it-tgħaqqid ta' databases li huma kkompletati minn tagħrif tal-istħarriġiet.
- id-dħul ta' sorsi ġodda, bħalma hu d-database tal-*Bank for International Settlements*, li tejbu l-ġbir tad-data tal-Qasam tal-Households.
- il-Bank Ċentrali ta' Malta, li ħadem flimkien mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, sabiex tiddaħħal statistika ta' ċerti sottosetturi fil-qasam tal-istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

Ir-reviżjoni se tkun qiegħda ssir pass pass u tibda l-ewwel miż-żminijiet riċenti sabiex imbagħad tmur lura għaż-żminijiet aktar imbiegħda. Id-draft tal-iskeda hu mogħti hawn taħt għall-informazzjoni tal-utenti:

a) Ġunju 2023: Il-pubblikazzjoni ta' serje kronoloġika ta' statistika riveduta mill-perjodu ta' riferenza ta' Jannar 2022 – Marzu 2023;

b) Settembru 2023: Il-pubblikazzjoni ta' serje kronoloġika ta' statistika riveduta għall-perjodu ta' riferenza ta' Jannar 2017 – Diċembru 2021; u

ċ) Marzu 2024: Il-pubblikazzjoni ta' serje kronoloġika ta' statistika riveduta għall-perjodu ta' riferenza ta' Jannar 2008 – Diċembru 2016.

**Benefiċċji:**

Din ir-reviżjoni ad hoc se ttejjeb il-preċiżjoni tal-istatistika tal-BOP u l-IIP. It-tibdil ewlieni jaffettwa l-aktar il-kont kurrenti tal-BOP u l-IIP. L-għajn tat-tibdil fil-kont kurrenti ġej l-aktar minn titjib fil-kont tas-servizzi u fil-kont tal-introjtu primarju, għad illi l-bilanċ se jibqa' fil-parametri ta' -4 fil-mija u +6 fil-mija għall-perjodu 2017-2023 meta jkun ikkalkulat fit-termini tal-persentaġġ tal-Prodott Domestiku Gross. Min-naħa l-oħra, il-qagħdiet tal-istokk tal-assi u tal-obbligazzjonijiet se jiżdiedu wara dawn ir-reviżjonijiet, filwaqt li l-IIP nett tibqa' pożittiva.